MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 77/2003

**Martin u Phyllis mizzewgin Degabriele f'isimhom proprju u ghan-nom ta' Oasis Travel**

**vs**

**Jean Pierre u Fiona mizzewgin Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz tieghu l-atturi proprio et nomine sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu, kkundannati:

1. Illi jhallsu lill-atturi proprio et nomine is-somma ta' elfejn, tlett mija u hdax –il Lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu, (LM2,311.82,0), jew somma verjuri

bhala danni sofferti mill-atturi kosegwenza ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta’ Gunju tas-sena 2002, bejn il-vettura Ford Transit bin-numru ta’ registrazzjoni HMY – 217 proprjeta’ ta’ l-atturi u l-vettura Ford bin- numru ta’ registrazzjoni JFZ – 888 misjuqa mill-konvenut gewwa n-Naxxar, liema incident sehh unikament minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, (Vide Dok. “V1”, “V2”, “V3”, “V4”, u “V5”);

2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-jum tal-pagament effettiv;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata s-27 ta’ Frar tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvneuti eccepew is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta’ Kevin Camilleri, is-sewwieq awtorizzat mill-atturi, konjugi Degabriele, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fil-5 ta' Gunju tas-sena 2002 ghall-habta tas-7:00a.m. fi Triq il-21 ta' Settembru, ma' Triq l-imraden, in-Naxxar;

2. Illi fl-incident de quo kienu nvoluti vettura tal-marka Ford Transit, "mini van" bin-numru ta' registrazzjoni HMY – 217 misjuq minn Kevin Camilleri, impjegat ta' l-atturi, u l-vettura tal-marka Ford Focus bin-numru ta' registrazzjoni JLZ – 888 misjuqa mill-konvenut Jean Pierre Zammit;

Ikkunsidrat:

Illi d-dinamika ta' l-incident tista' tigi delineata bil-mod segwenti;

1. Il-verzjoni tal-konducent Camilleri:

a. Illi kien qed isuq fl-imsemmija triq fid-direzzjoni lejn in-Naxxar;

b. Illi kien qed isuq fil-karreggjata interna;

c. Illi fit-triq hu u jipprocedi fit-telgha kien hemm karozzi ipparkjati fuq in-naha tax-xellug tieghu, mal-bankina;

d. Illi hu u tielgha b'madwar tletin (30) kilometru fis-siegha ra l-vettura l-ohra nvoluta fl-incident odjern hierga minn go triq laterali fuq ix-xellug tieghu;

e. Illi jallegal li ra lill-konvenut wieqaf b'nofs il-vettura tieghu tisporga ghal go Triq il-21 ta' Settembru fuq indikata u meta wasal ezatt mieghu il-konvenut hareg f'daqqa minghajr ma ta l-ebda opportunita' lill-imsemmi Camilleri jevita l-impatt billi jipprova jzomm il-"brake";

2. Il-verzjoni tal-konvenut Zammit:

a. Illi hu kien qed isuq fi triq laterali ghall-Triq il-21 ta' Settembru fuq indikata;

b. Illi meta wasal biex jidhol fi Triq il-21 ta' Settembru waqaf fuq "stop sign";

c. Illi hares biex jara kienux gejjin xi vetturi u meta ra li ma kienx hemm vetturi ohra hareg mit-triq laterali ghat-triq principali u saq ghal madwar ghoxrin metru biex idur;

d. Illi jafferma wkoll li uza l-"indicator" qabel ma pproceda kif indikat qabel;

e. Illi jsostni wkoll li peress li proprju f'dak il-mument kien hemm ukoll xarabank li ostakolatlu l-vista tieghu, allura kellu jimxi metru iehor biex ihalli x-xarabank johrog, (ara fol 80);

f. Illi l-konvenut ikompli li :

"meta rajt li x-xarabank ma setax johrog jiena dort ghal Triq l-Imraden u f'dak il-hin gara l-incident";

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm il-konvenut isostni li qabel ma hu acceda minn triq sekondarja ghal fo triq principali hu waqaf; xeghel l-"indicator" u hares, pero' ghandu jkun ovvju li kien hu li holoq l-incident in dizamina stante li ppersista bil-manuvra tieghu meta t-triq kienet ostakolata minn xarabank li minn naha taghha kienet qed tostakolalu l-vista tieghu u allura ma kienitx qed tippermettilu jimmanuvra l-vettura tieghu minghajr perikolu ghalih jew ghall-utenti ohra tat-triq;

Ikkunsidart:

Illi stabbilita r-responsabbilita' ta' l-incident hu issa ghaqli li tigi rizolta l-kwistjoni ta' l-ispejjez reklamati mill-atturi stante li l-akbar emfasi tal-konvenuti f'din il-procedura u fit-trattazzjoni orali taghhom kienet proprju indirizzata f'din id-direzzjoni;

Illi l-attur Degabriele jsostni li l-hsarat sofferti fil-vettura teighu issewwew wara rapport appozitu dettaljat tas-surveyor ta' esperjenza tas-socjeta' assikuratrici;

Illi di piu' l-ammont reklamat mill-atturi hu assodat b'ricevuti appoziti li bl-ebda mod ma jirrizultaw li gew skossi mill-insinwazzjonijiet tal-konvenuti;

Illi l-allegazzjonijiet tal-konvenuti li peress li xi hsarat issewwew minn xi persuna li tigi b'xi mod mill-attur allura l-ammont ta' danni mitlub gie gonfjat minghajr ebda bazi legali ma tirrizultax pruvata;

Illi din il-qorti hi sodisfatta li l-hsarat sofferti mill-atturi jikkombacu ma' l-ammonti minnhom mitluba, inkluz l-ammont ghall-hekk imsejjah "loss of use" u huma lkoll dokumentati;

Ghadaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-atturi ippruvaw il-kaz taghhom skond il-ligi u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-konvenut Jean Pierre Zammit hu unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku meritu ta' din il-procedura;

2. Tillikwida d-anni sofferit mill-atturi fuq indikati fl-ammont ta' elfejn tlett mija u hdax –il Lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu, (LM2,311.82,0);

3. Tikkundanna lill-konvenuti Jean Pierre u Fiona konjugi Zammit biex ihallsu l-ammont hekk likwidat ta' elfejn tlett mija u hdax –il Lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu, (LM2,311.82,0), lill-atturi Martin u Phyllis konjugi Degabriele f'isimhom proprju u ghan-nom ta' Oasis Travel, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------